

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Baġit

2005/0188(CNS)

23.6.2006

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Baġit

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar programm speċifiku:
"Kapaċitajiet" li jimplementa s-Seba' Programm ta' Qafas (2007-2013) tal-
Komunità Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta'
dimostrazzjoni
(COM(2005)0443 – C6-0384/2005 – 2005/0188(CNS))

Rapporteur għal opinjoni: Marilisa Xenogiannakopoulou

PA_Leg

ĠUSTIFIKAZZJONI

1. Elementi ewlenin tal-proposta

Il-proposta għall-programmi speċifiċi hija bbażata fuq it-Titolu XVIII tat-Trattat, l-Artikoli 163 sa 173, u partikolarment l-Artikolu 166(3) li jikkonċerna l-implimentazzjoni tal-Programm ta' Qafas permezz ta' programmi speċifiċi.

Il-Kummissjoni għandha l-ħsieb li twaqqaf aġenzija eżekuttiva li se tkun fdata b'ċertu xogħol meħtieġ biex jiġu implimentati l-programmi speċifiċi "Koperazzjoni", "Nies" u "Kapaċitajiet". Dan l-approċċ se jittieħed ukoll għall-implimentazzjoni tal-programm "Ideat".

Il-programm speċifiku Kapaċitajiet se jsaħħaħ ir-riċerka u l-kapaċità ta' innovazzjoni madwar l-Ewropa. Il-programm huwa tagħqida ta' kontinwazzjoni u ta' tisħiħ ta' l-azzjonijiet fil-programmi ta' qafas preċedenti u kif ukoll novitajiet importanti.

Element ġdid kbir huwa l-approċċ strateġiku previst għall-appoġġ tal-bini ta' infrastruttura ġdida ta' riċerka li se tkun tikkumplimentata l-appoġġ kontinwu għall-aħjar użu ta' l-infrastruttura ta' riċerka eżistenti. L-appoġġ għall-bini ta' l-infrastruttura l-ġdida se jkun implimentat permezz ta' metodu f'żewġ stadji: il-faзи preparatorja u l-faзи tal-kostruzzjoni. Fuq il-baзи tax-xogħol imwettaq mill-ESFRI (Il-Forum għall-Strateġija Ewropea dwar l-Infrastruttura ta' Riċerka) dwar l-iżvilupp ta' pjan ta' rotta Ewropew għall-infrastruttura ta' riċerka ġdida, il-Kummissjoni se tidentifika proġetti prijoritarji li jista' possibilment jingħatalhom appoġġ mill-KE skond is-Seba' Programm ta' Qafas. Għal dawk il-proġetti, il-Kummissjoni se taħdem bħala medjatriċi, partikolarment billi taġevola l-mekkaniżmi ta' l-inġinerija finanzjarja għall-faзи tal-kostruzzjoni, inkluż il-fatt li tiffaċilita l-aċċess għas-self mill-EIB permezz tal-Mekkaniżmu tal-Kondiviżjoni tar-Riskju. L-Anness 1 jippreżenta l-"lista ta' opportunitajiet" ta' l-ESFRI, li jikkonsistu minn eżempji konkreti ta' infrastrutturi ta' riċerka ġdida fuq skala kbira li l-komunità xjentifika fl-Ewropa se tkun teħtieġ fid-deċennju li jmiss. Iż-żewġ skemi għall-appoġġ tar-riċerka għall-benefiċċju ta' l-SMEs u l-assoċjazzjonijiet ta' l-SMEs se jitwettqu permezz ta' baġit akbar sabiex jissodisfaw il-ħtieġa dejjem tikber ta' l-SMEs biex jesternealizzaw ir-riċerka.

L-azzjonijiet tar-Regġuni ta' l-Għerf se jibnu fuq l-azzjoni pilota suċċess. L-iskop huwa biex in-netwerks transnazzjonali tar-regġuni jkunu jistgħu jiżviluppaw bis-sħiħ il-kapaċità tagħhom ta' riċerka, ikunu jistgħu jassorbu għerf ġdid li joħroġ mir-riċerka u jkunu jistgħu jiffaċilitaw il-qawmien ta' "raggruppamenti mmexxija mir-riċerka" li jlaqqgħu flimkien l-universitajiet, iċ-ċentri ta' riċerka, l-impriżi u l-awtoritajiet reġjonali.

Element importanti ġdid huwa l-azzjoni biex jinħareġ il-potenzjal kollu għar-riċerka fir-regġuni tal-"konverġenza" u fir-regġuni l-aktar imbiegħda. Ir-realizzazzjoni ta' l-ekonomija u r-realizzazzjoni tas-soċjetà bbażati fuq l-għerf jiddependu fuq it-tisħiħ ta' l-eċċellenza tar-riċerka Ewropea, imma wkoll fuq użu aħjar tal-potenzjal tar-riċerka għoli "mhux sfruttat" li jeżisti fi ħdan l-UE kollha. L-azzjonijiet se jippermettu l-ingaġġ ta' riċerkaturi minn pajjiżi oħra ta' l-UE, l-issekondar ta' l-istaff tar-riċerka u ta' l-immaniġġjar, l-organizzazzjoni ta' mekkaniżmi ta' evalwazzjoni u l-akkwist u l-iżvilupp ta' tagħmir għar-riċerka. Dawn l-azzjonijiet jgħinu fl-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet u l-opportunitajiet għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet

tar-riċerka eżistenti u taċ-ċentri ta' eċċellenza li qed jinħolqu f'dawn ir-regġuni, li jistgħu jitħallsu bil-Fondi Strutturali.

Skop importanti tas-Seba' Programm ta' Qafas huwa biex tinbena politika b'saħħitha u koerenti tax-xjenza internazzjonali u tat-teknoloġija u attivitajiet fil-programm Kapaċitajiet se jappoġġjaw dan il-metodu, partikolarment billi jgħinu jidentifikaw il-prijoritajiet għall-koperazzjoni.

L-iżvilupp koerenti tal-politiki se jpoġġi enfasi akbar fuq il-koordinazzjoni tal-politika nazzjonali u reġjonali permezz ta' skema speċifika ta' appoġġ għall-inizjattivi ta' koperazzjoni tal-politika transnazzjonali mill-Istati Membri u mir-regġuni. Dan se jsaħħaħ l-implimentazzjoni tal-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni għar-riċerka tal-politiki u se jiffavorixxi inizjattivi miftiehma jew inizjattivi konġunti bejn gruppi ta' pajjiżi u ta' reġjuni f'setturi li jinvolvu dimensjoni b'saħħitha transnazzjonali.

2. Rakkomandazzjonijiet mir-rapporteur għal opinjoni

Għal raġunijiet ta' koerenza, ir-rapporteur għal opinjoni tipproponi l-istess grupp ta' emendi lis-seba' programmi speċifiċi ta' riċerka.

Emenda standard tirreferi għall-qafas finanzjarju plurijennali u l-ħtieġa sabiex tirsipetta l-limitu ta' l-intestatura 1a.

L-emendi proposti msemmija hawn taħt jinkludu l-idea ta' mmaniġġjar finanzjarju sod u l-implimentazzjoni effiċjenti ta' l-azzjonijiet iffinanzjati skond il-programm speċifiku.

Sabiex jitjieb il-monitoraġġ finanzjarju ta' l-attività tar-riċerka ffinanzjata mill-Komunità, ir-rapporteur għal opinjoni hi tal-fehma li l-Kummissjoni għandha tinforma l-aworità baġitarja dwar l-implimentazzjoni ta' programmi speċifiċi fuq bażi regolari u tipprovdi l-informazzjoni minn qabel kull meta tkun intenzjonata li titbiegħed mis-suddiviżjoni ta' l-infiq.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Baġit jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva

Emenda 1 Paragrafu 1 (ġdid)

- 1a. *Jikkunsidra li l-ammont indikattiv ta' referenza finanzjarja indikat fil-proposta leġiżlattiva jrid ikun kompatibbli mal-limitu massimu ta' l-intestatura 1a tal-qafas finanzjarju plurijennali ġdid (MFF) u jrrimarka li l-ammont annwali jkun deċiż fil-proċedura baġitarja annwali bi qbil mad-dispożizzjonijiet ta' punt 38 tat-IIA tas-17 ta' Mejju 2006;***

Ġustifikazzjoni

Emenda standard.

Proposta għal deċiżjoni

Test propost mill-Kummissjoni¹

Emendi tal-Parlament

Emenda 2

Artikolu 3, paragrafu 1 a (ġdid)

Il-Kummissjoni għandha tiegħu l-passi kollha neċessarji biex tivverifika li l-azzjonijiet iffinanzjati qed isiru b'mod effettiv u skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju.

Emenda 3

Artikolu 3, paragrafu 1 b (ġdid)

In-nefqa amministrattiva totali tal-programm, inkluża n-nefqa interna u ta' l-immaniġġjar għall-Aġenzija Eżekuttiva, għandha tkun proporzjonali għall-funzjonijiet stipulati fil-programm ikkonċernat u hija suġġetta għad-deċiżjoni ta' l-awtoritajiet baġitarji u leġiżlattivi.

Ġustifikazzjoni

L-appropriazzjonijiet allokatil lill-Aġenzija Eżekuttiva għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-kondotta dwar l-istabbiliment ta' Aġenzija eżekuttiva u r-Regolament tal-Kunsill N^{ru} 58/2003 li jstipulaw l-istatut għall- aġenziji eżekuttivi li se jkollhom funzjonijiet speċifiċi fl-immaniġġjar ta' programmi tal-Komunità. Dan jiżgura li jkun hemm finanzjament xieraq għall-azzjonijiet tal-programm.

Emenda 4

¹ ĠU C 49, 28.2.2006, p. 37.

Artikolu 3, paragrafu 1 c (ġdid)

Approprjazzjonijiet tal-baġit għandhom jintużaw skond il-prinċipju ta' l-immaniġġjar finanzjarju sod, jiġifieri skond il-prinċipji ta' l-ekonomija, l-effiċjenza u l-effettività, kif ukoll il-prinċipju tal-proporzjonalità.

Emenda 5
Artikolu 5a (ġdid)

Artikolu 5a

Il-Kummissjoni għandha tipprovdi informazzjoni minn qabel lill-awtorità baġitarja kull meta jkollha l-ħsieb li titbiegħed mill-analiżi statistika ta' l-infiq iddikjarata fir-rimarki u fl-anness tal-baġit annwali.

Ġustifikazzjoni

Din il-proċedura kienet introdotta bħala riżultat ta' ftehim bejn il-Kumitat għall-Baġit u l-Kummissjoni f'Ottubru 1999. Ir-rapporteur għal opinjoni tqis li l-proċedura għandha tinżamm biex ittejjeb is-segwitu ta' l-użu ta' fondi fil-programmi speċifiċi ta' l-FP7.

Emenda 6
Artikolu 8, paragrafu 5 a (ġdid)

5a. Ir-rapport ta' evalwazzjoni għandu jkun fih evalwazzjoni ta' kemm huwa sod l-immaniġġjar finanzjarju. Għandu jkun fih evalwazzjoni ta' l-effiċjenza u r-regolarità ta' l-immaniġġjar baġitarju u ekonomiku tal-programm.

PROĊEDURA

Titolu	Proposta għal deċiżjoni mill-Kunsill dwar programm speċifiku: "Kapaċitajiet" li jimplementa s-Seba' Programm ta' Qafas (2007-2013) tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni
Referenzi	(COM(2005)0443 – C6-0384/2005 – 2005/0188(CNS))
Kumitat responsabbli	ITRE
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 17.11.2005
Koperazzjoni aktar mill-qrib - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Marilisa Xenogiannakopoulou 20.9.2004
Rapporteur għal opinjoni preċedenti	
Diskussa fil-kumitat	22.6.2006
Data ta' l-adozzjoni	22.6.2006
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 16 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Herbert Bösch, Simon Busuttil, Bárbara Dührkop Dührkop, Markus Ferber, Ingeborg Gräßle, Nathalie Griesbeck, Anne E. Jensen, Wiesław Stefan Kuc, Janusz Lewandowski, Vladimír Maňka, Antonis Samaras, Esko Seppänen, Nina Škottová, Helga Trüpel, Yannick Vaugrenard, Ralf Walter
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	
Sostitut(i) skond l-Artikolu 178(2) preżenti għall-votazzjoni finali	
Kummenti (disponibbli b'lingwa waħda biss)	...